MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 233/2003

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Vincent Zahra**
**Simone Aquilina**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti, u dan in solidum bejniethom, il-hlas tas-somma ta' elfejn hames mija u erbgha u ghoxrin Lira Maltin u tmienja u disghin centezmi (LM2,524.98) in kwantu ghal elfejn u mitejn u sitta u erbghin Lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm2,246.93) rapprezentanti kapital misluf lilhom in solidum mis-socjeta' attrici fuq facilita' ta' overdraft u mitejn u**

**tmienja u sebghin Liri Maltin u hames centezmi (LM278.05) rapprezentanti imghax ghall-perjodu mit-28 ta' Settembru tas-sena 2001 sal-31 ta' Marzu, tas-sena 2003, oltre l-imghaxijiet ulterjuri ta' 8% fis-sena mill-1 ta' April tas-sena 2002, fuq l-istess kapital ta' elfejn u mitejn u sitta u erbghin Liri Maltin u tlieta u disghin centezmu (LM2,246.93) sad-data tal-pagament effettiv, u dan kollu kif jirrizulta minn statement hawn anness Dok. A;**

**Bl-ispejjez u l-konvenuti jibqghu ngunti ghas-subizzjoni tal-attrici;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fil-21 ta' Ottubru tas-sena 2003 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------